MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2009

Numru. 222/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert Ciappara)**

**Versus**

**Jeffrey Sultana.**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet kontra Jeffrey Sultana ta' 26 sena, bin Loreto u Josephine nee Scerri, imwieled il-Pieta' fit-23 t'Ottubru 1976 u residenti fil-fond numru 144 Triq Santa Teresa Żabbar u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 550376 (M)

2. Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer nhar l-4 ta' Settembru 2003 u s-sena ta' qabel ġox-Xgħajra Żabbar u fi bnadi oħra f'Malta f'ħinijiet differenti

a) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skond id-dispożizzjonijiet tas-sitt (6) Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-dorgi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) u aktar talli f'dawn il-Gżejjer kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pusess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-Liċenzja mill-President ta' Malta li jollu d-dorga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msmemija kienet fornuta lilu għall-użu tieġġu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' **Malta liema droga nstabet f'ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu.**

ċ) u aktar talli f'dawn il-Gżejjer kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta

meta ma kienx fil-pusess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-Liċenzja mill-President ta' Malta li jollu d-dorga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msmemija kienet fornuta lilu għall-użu tieġġu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

d) kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) u 8(d) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

e) ukoll talli matul is-sena 2001 kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pusess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-Liċenzja mill-President ta' Malta li jollu d-dorga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msmemija kienet fornuta lilu għall-użu tieġġu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

f) Ukoll talli matul is-sena 2002 kellu fil-pussess tiegħu mediċina ristretta u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22 tal-

1985 kif sussegwentement emendat u 40A u 120A u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u la-rtikolu 16 tal-1985 tal-Att V kif emendat.

3. Il-Qorti ntalbet ukoll tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 f'każ ta' sejbien ta' ħtija.

4. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat li jġib in0numur 5503 tal-1976, il-fedina penali tal-imputat, l-istqarrija tal-imputat (fol 10), l-Ordnijiet tal-Avukat Ġenerali tat-12 ta' Settembru 2003, id-dikjarazzjoni magħmula **mill-Prosekuzzjoni li l-imputat ikkollabora mal-Pulizija u jimmeritah li jgawdi mill-artikolu 29 tal-Kap 101** (fol 21), il-konferma tal-ħatriet kollha li saru matul l-inkjesta (fol.29), il-proces-verbal intitilolat 'Sejba ta' sustanza suspettata eroina f'garage fix-Xgħajra, Malta, Żabbar fl-4 ta' Settembru 2003', u d-dikjarazzjoni magħmula mid-difiża sabiex il-Prosekuzzjoni ma ttellax xhieda dwar l-istqarrija.

5. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament

6. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

7. Mix-xhieda ta' PS 1044 Gordon Calleja u PC 1473 Simon Deguara (fol 79) jirriżulta li meta l-Pulizija għamlu tfittxija fuq l-imputat huma sabu sustanza kannella. Imbagħad fittxew fil-garaxx tiegħu u sabu biċċa raża tal-cannabis. F'kamra oħra sabu wkoll 25 gramma ta' sustanza suspettata eroina. Kienu elevati wkoll boroż tal-plastik, miżien, pitazz aħmar u xi karti tal-brim Rizla.

8. Mix-xhieda tal-Ispiżjar Mario Mifsud jirriżulta li l-imputat kellu erba' boroż b'dawn l-użinijiet: 1.135 g, 0.265g, 0.212 g, u 22.985 g jew 24.597 grammi ta' eroina. (Fol 54).

9. Mill-istqarrija tal-imputat jirriżulta li huwa ammetta li kellu gramma u nofs eroina fuqu.

10. Dwar il-kwantita’ ta’ eroina li nstabet f’tazza tal-plastik, huwa qal li kien ser juża minnha kif ukoll ibiegħ xi ħaġa. Huwa qal li ibiegħ madwar tliet grammi u nofs eroina kull jum. Huwa kien ilu madwar xahar ibiegħ l-eroina waqt li kien ilu jużaha dan l-aħħar 5 snin. Huwa kien jaqla’ Lm5 minn kull gramma. Huwa kien jixtriha Lm35 u kien ibiegħha Lm40. (Ara fol.11). Huwa kien jieħu daqs gramma u nofs kull jum. Fil-jum meta kien arrestat huwa kien biegħ b’madwar Lm15 jew Lm20. L-imputat stqarr ukoll li l-boroż tal-plastik kienu ntiżi sabiex jagħmel il-pakketti bihom. Huwa ammetta li r-resin tal-cannabis kienet tiegħu. Huwa kien juża l-ecstasy, u rari ħafna, l-kokaina. L-aħħar li kien uża l-ecstasy kien xi sena qabel u l-kokaina sentejn qabel.

## Difiża

11. Għad-difiża xehdet Vicky Scicluna, rappreżentanta tas-Sedqa. Hija qalet li f’awn l-aħħar erba’ snin, l-imputat sar bniedem differenti. Huwa clean mid-droga. Min iħaddmu għandu fiduċja kbira fih.

12. Xehed ukoll l-imputat li qal li kien kellem lis-Sur David Azzopardi tas-Sedqa li baqa’ jieħu ħsiebu kontinwament sakemm fl-aħħar l-imputat irnexxielu joħroġ mill-vizzju tad-droga. Fil-jum li xehed ( 3 ta’ Novmebru 2008) l-imputat kien ilu ħames snin clean u kien qed ikun supervised darba fil-ġimgħa. Huwa jieħu ħseib seba’ yachts. Huwa xehed ukoll li d-droga ma kentix tiegħu personali. Filfatt kellu d-dejn bl-użura . Kien issellef somma u l-imputat qatagħha li jżomm id-droga għal ħadd ieħor. Il-persuna l-oħra kienet tqabbdu ma’ ċerti nies, u jekk imur xi ħadd b’Lm20, l-imputat jagħtih b’daqshekk. Din il-persuna kienet marret theddu d-dar iżda huwa pperswadieha li lill-Pulizija ma kien qalilhom xejn. Iżda filfatt l-imputat kien ta informazzjoni lill-Pulizija

## Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

Il-bażi tal-provi tal-Prosekuzzjoni huma (a) l-istqarrija tal-imputat; (b) ix-xhieda orali dwar dak li sar waqt it-tfittxija; u (ċ) ix-xhieda forensika.

L-imputat innifsu ta dettalji ta kif kien ibiegħ id-droga eroina u x'kien il-qligħ minnha. Ta dettalji dwar ammonti u żmien.

Ma' din l-istqarrija, wieħed irid jikkonsidra wkoll dak li nġabar minn għand l-imputat bir-ritratti juru dawn l-affarijiet u bil-prova forensika tagħti l-prova tal-ammont.

Quddiem provi bħal dawn, il-Qorti qed tiddeċiedi li l-Proekuzzjoni ppruvat l-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-imputat.

It-tieni imputazzjoni hija dwar pussess aggravat. L-ammont misjub – 29 gramma- huwa diġa' indikazzjoni li d-droga ma kentix għall-użu esklussiv tal-imputat. Barra dan, ex admissis, l-imputat kien ibiegħ id-droga. Għalhekk iċ-ċirkostanzi juru li l-pussess tad-droga eroina kien pussess aggravate għaleix id-droga ma kenitx qed tintuża għalih biss.

It-tielet imputazzjoni hija dwar il-pussess sempliċi tal-eroina. Dan huwa ppruvat ukoll iżda din l-imputazzjoni hija assorbita fit-tieni imputazzjoni.

Ir-raba', il-ħames u s-sitt imputazzjoni huma ppruvati mill-istqarrija tal-imputat.

L-imputat jidher li għamel bidla f'ħajtu u li għen lill-Pulizija.

## Konklużjoni

Il-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 8(a), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii), 22(1B) u 29 tal-Kap 101, ir-regolament 3(1) tal-LN 22 tal-

1985 kif ukoll l-artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(ii) tal-Kap 31 u l-artikolu 17(h) tal-Kap 9, issib lill-imputat ħati tas-sitt imputazzjonijiet dedotti kontrih b'dan pero' li t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet qed jitqiesu bħala assorbiti fl-ewwel imputazzjoni.

Dwar il-piena, il-Qorti kkonsidrat:

(a) Li l-kondotta tal-imputat hija kważi nadifa;

(b) Li skond il-Prosekuzzjoni huwa jimmerita li jibbenefika mill-artikolu 29;

(ċ) Li llum inbidel radikalament.

Min-naħa l-oħra l-Qorti qed tqis ukoll li l-imputat effettivament biegħ id-droga. **Mhix** skużanti li għamel hekk għaliex kienu qed jiġru warajh dawk li sellfuh il-flus b'imgħaxijiet qawwija..

Għalhekk il-Qorti, wara dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, qed tikkundanna lill-imputat għall-piena ta' priġunerija ta' ħmistax-il xahar u għall-ħlas ta' multa ta' €800 liema multa tista' titħallas f'pagamenti ta' 50 Ewro fix-xahar bl-ewwel pagament isir fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Fin-nuqqas ta' ħlas ta' xi pagament, il-bilanċ ikun dovut f'daqqa. Jekk ma titħallasx xi parti minn din il-multa, il-parti mhix imħallsa għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull 11.65 Ewros li ma jitħallsux.

Minħabba li l-esperti nħatru waqt inkjesta li saret qabel is-16 ta' Jannar 2006, il-Qorti mhix tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9.

Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------